## ~~ATTENT ŻAGHŻUGH~~

~~*Bkejt*~~  
~~*għax rajt*~~  
~~*kemm hu qalil iż-żmien*~~  
~~*li bla waqfien*~~  
~~*ixejjaħ żmien iż-żgħożija*~~  
~~*bekk kif qatra nida*~~  
~~*tinżel fuq werqa u x-xemx fiss*~~  
~~*terġa' teħodha.*~~

~~*Bħal qatra nida,*~~  
~~*hu żmien iż-żgħożija*~~  
~~*tant hu sabiħ*~~  
~~*tant fih tlellix ta' lwien*~~  
~~*li ż-żgħożija tintilef fih;*~~  
~~*– fil-qabda ilwien*~~  
~~*li x-xemx ħanina*~~  
~~*titfa' fuq din il-qatra ilma.*~~

~~*Iżda malajr jintfew l-ilwien*~~  
~~*u l-qatra tisfa' fix-xejn;*~~  
~~*bekk kif fix-xejn*~~  
~~*jintemm il-ħolm –*~~  
~~*il-ħolm sabiħ*~~  
~~*il-ħolm li le jintemm –*~~  
~~*il-ħolm jispiċċa,*~~  
~~*u jħalli warajh żagħżugħ*~~  
~~*– żagħżugħ tradut,*~~  
~~*żagħżugħ fl-irwiefen tal-ħajja.*~~

~~FRANCIS MIFSUD~~

## Lid-DIWI

*Smajtek warajja tibki,*  
*warajja smajtek tnuh,*  
*tnehid ta' din ir-ruħ*  
*tennejt,*

*Diwi ħanin,*
*fl-irdumijiet ta' l-iġbla,*
*fil masġar... fil-widien...*

*Int biss, Diwi, bla għira,*
*int biss taf tagħder, tħenn*
*għar-ruħ fid-diq irsiera...*

*Għandek niġi, ja Diwi,*
*fl-irdumijiet waħxija,*
*fil-wied,*
*ħdejn art moħbija,*
*fid-dlam ta' ġo l-għerien,*
*għax leħnek, Diwi,*
*leħen ħanin...*

Ramle – Israel. 1964 P. ĠUŻEPP CREMONA O.F.M.

## FERH

Infur bil-ferħ, inħares lejn il-fjuri
Imwielda ġdida, u niedja, bellusija;
Inħobb is-skiet tar-raba' f'jiem safjija
U s-sħab f'inżul ix-xemx, mimli kuluri;

U mill-għadd kbir tal-kwiekeb nisqi 'l ħsiebi
Fid-dlam miksur ta' qamar lejli imdieħeb
Meta l-ħolqien ma' ruħu jkun jitbiegħed
Niftakar fil-kliem sieket minn ta' ħbiebi;

Iżda biss f'kisret għajnejk insib il-hena,
U nara fihom sħiħ leħħa tal-ġenna
Tas-sewwa u ġmiel, f'kisra kruha benna
Ir-ruħ tidher bla sħab, safja u qalbiena:

U fihom nara sew il-ħolm ta' qalbi,
Holm ta' dinj'oħra, it-tama wkoll ta' talbi.

1.iii.1971 J. ZAMMIT TABONA